# Linji gwida fuq il-bdil ta' ammonti f'liri Maltin għall-ewro permezz ta' *'rounding'* u *'smoothing'*.

**Linja gwida: NECC/0004/06**

Verżjoni 1.0
24 ta' Frar 2006

**Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro (NECC)**
3A, Triq Żekka, Valletta ĊMR02, Malta
Tel: (+356) 2122 4038, 21224215
Fax: (+356) 21224315
Email: euro@gov.mt
Web: www.euro.gov.mt

## 1. Objettiv

Dawn il-linji gwida jagħtu prinċipji ġenerali u direzzjoni fuq kif ammonti ta' flus li jridu jitħallsu jew jingħata kont tagħhom għandhom jinqalbu minn liri Maltin għall-ewro permezz ta' *'rounding'* u '*smoothing*'.

## 2. Applikabilità

Regoli għall-bdil ikunu meħtieġa meta ammonti ta' flus ikunu f'liri Maltin. Regoli dwar kif muniti nazzjonali jinqalbu għall-ewro u jinġabu sa l-eqreb ċifra sħiħa jinstabu f'Regolament KE 1103/97[1]. Dawn ir-regoli huma parti integrali mil-liġi monetarja taz-zona ewro li Malta tkun tagħmel parti minnha ma' l-adozzjoni ta' l-ewro.

Dawn japplikaw għall-qlib ta' ammonti ta' flus "*li jridu jitħallsu jew jingħata kont tagħhom*".Komputazzjonijiet li jseħħu qabel id-determinazzjoni ta' ammont ta' flus ma jaqgħux taħt l-iskop ta' dawn il-linji gwida. Kif dawn l-operazzjonijiet jiġu sa l-eqreb numru sħiħ jiddependi mit-termini tar-relazzjoni kuntrattwali, il-liġi applikabbli, l-użu, il-prattika jew il-konvenzjoni. Dawn il-linji gwida dwar *'rounding'* ma jkoprux ħwejjeġ bħalma huma l-kalkolu ta' interess jew ħlasijiet, eċċ.

Rekwiżiti legali, operattivi jew ta' preżentazzjoni[2] jistgħu jirrekjedu li ammonti ta' flus f'ewro li jinqalbu minn liri Maltin jinġabu sa l-eqreb ammonti sħaħ konvenjenti (eż. €1, €10, €4000, eċċ.). L-organizzazzjonijiet governattivi kollha (inkluż is-settur ta' fejn il-Gvern għandu sehem maġġoritarju u s-settur pubbliku) huma mistennija japplikaw trattament ġust u konsistenti għal dawn l-ammonti. Organizzazzjonijiet kummerċjali jista' jkollhom ukoll ħtieġa li jaqilbu ammonti sa l-eqreb ċifra sħiħa jekk jużaw gruppi ta' ammonti ta' flus biex jagħmlu listi, gradwatorji, rapporti, eċċ.

Għalhekk l-organizzazzjonijiet kollha governattivi, kummerċjali u dawk li ma jagħmlux qligħ u korpi korporattivi huma mistennija li jsegwu dawn id-direttivi meta jiġu biex jagħmlu *'rounding'* u *'smoothing'* ta' ammonti ta' flus minn liri Maltin għall-ewro.

## 3. Prinċipji

Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq il-prinċipji ta' trasparenza, ekwivalenza legali u ekwità fejn bidla ta' ammonti ta' flus minn liri Maltin (Lm) għall-ewro titlob l-użu ta' 'rounding' u 'smoothing'.

## 4. Linji gwida

### 4.1 Kif iġġib ammonti sa l-eqreb ċifra sħiħa u livell ta' eżattezza

4.1.1 Ir-rata tal-kambju ffissatta b'mod irrevokabbli għandha tkun adottata f'termini ta' liri Maltin b'sitt ċifri sinifikanti, eż. 1 ewro = Lm0.429300[3] (Artikolu 4 (1) tar-Regolament KE 1103/97). Ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli m'għandhiex tinġieb sa l-eqreb ċifra sħiħa jew titqassar meta ssir il-bidla minn munita għal oħra. Għalhekk, m'humiex permessi kalkoli biz-0.4, 0.43, 0.429, eċċ. (Artikolu 4 (2) tar-Regolament KE 1103/97).

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti dispożizzjonijiet relatati mad-dħul ta' l-ewro, reċitazzjonijiet 10, 11 u 12 u Artikoli 4 u 5 jirreferu għal regoli biex ammonti jinġiebu sa l-eqreb ċifra sħiħa.

[2] Il-bidla diretta ta' livelli jew tabelli li jirreferu għal ammonti ta' flus tista' twassal għal inkonsistenzi. Dawn l-inkonsistenzi m'humiex limitati għal tabelli f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi, atti, avviżi legali jew regolamenti fl-leġiżlazzjoni sussidjarja, eż. parentesi fil-liġi dwar multi.

[3] Din hija r-rata ċentrali ta' parità ffissata fit-2 ta' Mejju 2005 meta Malta daħlet fl-ERM II. Ir-rata tal-kambju tiġi fissa b'mod irrevokabbli meta d-deroga tiġi abrogata.

4.1.2 Ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli biss għandha tintuża għal kalkoli. Rati invertiti (eż. 2.32937) **ma jistgħux** jintużaw (Artikolu 4 (1) tar-Regolament KE 1103/97) billi dawn jistgħu jwasslu għal ineżattezzi fil-bdil ta' l-ammont oriġinali.

4.1.3 Ammonti mibdula għall-ewro jridu jinġiebu 'il fuq jew 'l isfel sa l-eqreb (ewro) ċenteżmu. F'kull każ, l-ammont irid jinġieb 'il fuq sa' l-eqreb ċifra sħiħa jekk il-bidla permezz tar-rata tal-kambju tagħti riżultat li jkun eżattament fin-nofs (0.005 jew 0.5 (ewro) ċenteżmu); eż. 0.005 isir 0.01.

*Eżempju 1: Biex taqleb Lm154.50 għal ewro,*

F'dan l-eżempju, ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli tittieħed li hi €1= Lm0.429300.
Innota li r-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli ma titnaqqasx fl-operazzjoni t' hawn taħt.

Biex taqleb minn Lm154.50 għal ewro, trid issir diviżjoni; jiġifieri
Lm154.50 / 0.429300 = €359.88**8**19.

Ir-riżultat meta ċ-ċifra tinġieb sa l-eqreb ċenteżmu hu €359.89.

Innota li billi t-tielet ċifra deċimali hi akbar minn 5, il-valur maqlub ittella' sa l-eqreb ċifra sħiħa.

*Eżempju 2: Biex taqleb Lm7.26 għal ewro,*

F'dan l-eżempju, ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli tittieħed li hi €1= Lm0.429300.
Innota li r-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli ma titnaqqasx fl-operazzjoni t' hawn taħt.

Biex taqleb minn Lm7.26 għal ewro, trid issir diviżjoni; jiġifieri
Lm7.26 / 0.429300 = €16.91**1**25087.

Ir-riżultat meta ċ-ċifra tinġieb sa l-eqreb ċenteżmu hu €16.91.

Innota li billi t-tielet ċifra deċimali hi iċken minn 5, il-valur maqlub tniżżel sa l-eqreb ċifra sħiħa .

*Eżempju 3: Biex taqleb Lm58.194 għal ewro,*

F'dan l-eżempju, ir-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli tittieħed li hi €1= Lm0.429300.
Innota li r-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli ma titnaqqasx fl-operazzjoni t' hawn taħt.

Biex taqleb minn Lm58.194 għal ewro, trid issir diviżjoni; jiġifieri
Lm58.194/ 0.429300 = €135.55**5**5

Ir-riżultat meta ċ-ċifra tinġieb sa l-eqreb ċenteżmu hu €135.56

Innota li billi t-tielet ċifra deċimali hi ugwali għal 5, il-valur maqlub ittella' sa l-eqreb ċifra sħiħa.

4.1.4 Meta ammonti jinġiebu sa l-eqreb ċifra sħiħa jistgħu jinħolqu differenzi bejn is-somma maqluba ta' serje ta' ammonti u r-riżultat li jinkiseb jekk kull ammont oriġinali jinqaleb għal rasu. Fil-parti l-kbira tal-każijiet ikun iktar konvenjenti li jitqies **l-ammont totali** għall-bidla għall-ewro. Bl-istess mod, serje ta' komputazzjonijiet f'Lm għandhom jinġiebu sa l-eqreb ċifra sħiħa biss meta tintlaħaq somma "**li trid**

**titħallas**" jew **"li hi aċċettata"**. It-total ta' serje ta' ammonti murija f'Lm u f' ewro qatt ma ser jaqblu eżatt ma' l-ammont tat-total mibdul ta' l-ammonti individwali oriġinali:

*Eżempju 4: rata tal-kambju: €1 = Lm 0.429300*

| | **Lm** | **€** |
|---|---|---|
| Oġġett 1 | 10.00 | 23.29 |
| Oġġett 2 | 12.40 | 28.88 |
| Oġġett 3 | 25.00 | 58.23 |
| Oġġett 4 | 32.45 | 75.59 |
| **Total** | **79.85** | **185.99** |

Il-bidla ta' l-ammont totali ta' Lm79.85 bir-rata tal-kambju użata fl-eżempju t'hawn fuq tista', madankollu, jtirriżulta f'€186.00, differenza ta' (ewro) ċenteżmu wieħed. Id-differenza meta l-ammonti jinġiebu sa l-eqreb ċifra sħiħa tista' tikber aktar ma jikber l-għadd ta' ammonti li jridu jinqalbu.

4.1.5 Hu rrikkmandat li, sakemm ma jkunx hemm bżonnijiet operattivi, l-ammont li jkollu bżonn jiġi mibdul għandu jkun is-somma totali tal-komponenti aktar mis-somma tal-komponenti maqlubin individwalment. Jekk nieħdu Eżempju 4, l-ammont totali għandu jkun €186.00 (bidla tas-somma Lm79.85) aktar milli s-somma ta' l-oġġetti maqlubin u miġjubin sa l-eqreb ċifra sħiħa individwalment (jiġifieri Oġġetti 1 – 4).

4.1.6 B'mod ġenerali, il-prezzijiet kollha maqlubin minn Lm għal ewro jridu jinġiebu sa l-eqreb (ewro) ċenteżmu. Iżda hemm okkażjonijiet fejn prezzijiet kienu oriġinarjament iffissati u/jew murija b'livell ogħla ta' eżattezza f'Lm. F'każijiet bħal dawn, irid jintża livell simili ta' eżattezza meta l-prezzijiet jintwerew u jkunu applikati f'ewro. L-aħjar eżempju jkun dak tal-prezzijiet tal-fjuwil (litru wieħed ta' petrol jiswa, ngħidu aħna, Lm0.466) li huma kkwotati sa tliet numri deċimali. F'dan il-każ, meta tassumi li r-rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli hija ta' Lm0.429300, il-prezz ta' litru ikun jeħtieġ li jinqaleb għal €1.085 (Lm0.466 diviż b'0.429300 = €1.0854880 li jinġieb €1.085).

## 4.2 Proċess ta' '*smoothing*'

4.2.1. M'hemm ebda gwida uffiċjali fuq livell Ewropew dwar il-bidla ta' ammonti u livelli inkonvenjenti għal ċifri aktar aċċettabbli. Iżda, biex jingħata eżempju u jitnaqqsu pressjonijiet inflazzjonarji li jistgħu jiġu identifikati ma' l-adozzjoni ta' l-ewro, kull proċess ta' din ix-xorta mill-Gvern (inklużi l-aġenziji u s-settur pubbliku[4]) għandu jsir favur il-konsumatur.

4.2.2. Tibdil għal ċifri aktar aċċettabbli għal raġunijiet ta' preżentazzjoni għandu jkun evitat sakemm ma jkunx meħtieġ biex il-prezzijiet ikunu aktar konvenjenti għall-konsumatur.

4.2.3. It-tibdil għal ċifri aktar aċċettabbli f'każ ta' ammonti li jixtiebhu għandhom ikunu, safejn hu possibbli, konsistenti fl-organizzazzjonijiet governattivi kollha.

4.2.4. Organizzazzjonijiet governattivi għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini li huma jkollhom x'jaqsmu magħhom jingħataw informazzjoni adegwata, eżatta u li tinftiehem faċilment fuq kull tibdil ta' ammonti ta' flus għal ċifri aktar aċċettabbli. Fl-operazzjoni ta' dan il-prinċipju, għandhom jitqiesu l-ħtiġiet ta' gruppi vulnerabbli.

4.2.5. Fir-rigward ta' livelli, l-użu tar-rata tal-kambju u tar-regoli ta' *'rounding'* jistgħu jwasslu għal inkonsistenzi bejn kategoriji li jixtiebhu jew jistgħu ma jiddelimitawx b'mod sħiħ il-kategoriji f'livell partikolari.

---

[4] Inklużi prezzijiet ta' oġġetti utli, ħlasijiet, liċenzji, multi eċċ.

*Eżempju 5: rata ta'kambju: €1 = Lm0.429300*

Eżempju ta' meded ta' taxxi miġjubin sa l-eqreb (ewro) ċenteżmu

| Lm0 – 3100 | Lm3101 – 4100 | Lm4101 – 5000 |
|---|---|---|
| €0.00 - €7221.06 | €7223.39 - €9550.43 | €9552.76 - €11646.87 |

Fl-eżempju t'hawn fuq hu evidenti li, jekk il-kategoriji jitħallew kif inhuma, persuna li taqla' €9551 ma tkunx koperta billi jinħoloq vojt ta' xi €2.33 minħabba l-użu ta' ammonti sħaħ ta' Lira Maltija qabel it-tibdil. Dawn jeħtieġ li jkunu llivellati biex tkun żgurata l-kontinwità u l-konsistenza fil-livelli kollha.

4.2.6. Għalhekk, it-tibdil għal ċifri aktar aċċettabbli ta' ammonti ta' flus li hemm f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi (kategoriji ta' taxxi, ħlasijiet, *allowances*, multi eċċ.) ikollu jinkludi l-bidla ta' l-ammonti eżistenti f'liri Maltin bl-applikazzjoni tar-regoli ta' *'smoothing'*.

*Eżempju 6: rata ta' kambju: €1 = Lm0.429300*

Ħlas ta' multa

| Bejn | Lm100 | u | Lm1000 |
|---|---|---|---|
| Maqlub f' ewro | €232.93 | | €2329.37 |

Il-multi jkunu maqlubin għal ċifra aktar aċċettabbli, ngħidu aħna minn €235 sa €2325 bla ksur tal-limiti f'Lm (mhux maqlubin) oriġinali. Dan mhux qlib għal ċifra aktar aċċettabbli kontra l-interessi ta' l-akkużat iżda l-impożizzjoni ta' multa fl-ambitu tal-limiti mhux maqlubin.

4.2.7. Għal regolamentazzjoni aħjar, meta multi jew penali jeħtieġ li jinqalbu għal ċifra aktar aċċettabbli, it-tibdil ta' l-ammonti involuti li jkollhom l-istess valuri għandu jkun konsistenti fost l-organizzazzjonijiet governattivi kollha.

## 5. Tifsiriet

**Deroga** – l-eżenzjoni temporanja mogħtija lil Stat Membru kif miftiehma fit-Trattat ta' Adeżjoni fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' xi artikoli tal-kapitli fuq politika ekonomika u monetarja fit-Trattat li jistabbilixxi l-KE.

**Jum-€** – id-data meta Malta tidħol fiz-zona ewro, jiġifieri meta l-ewro ssir munita legali f'Malta.

**Rata tal-kambju ffissata b'mod irrevokabbli** – ir-rata tal-kambju fissa li la tista' tinbidel u lanqas titneħħa bejn il-munita nazzjonali ta' l-Istat Membru u l-ewro ffissata ma' l-abrogazzjoni tad-deroga

għal dak l-Istat Membru.

**Ammonti monetarji** – kull forma ta' obbligi monetarji u ammonti li jrid jingħata kont tagħhom ibbażati fuq flus likwidi, bħalma huma ammonti li fihom assi tanġibbli huma stmati, ammonti f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi, offerti ta' bejgħ.

***'Rounding'*** – parti mill-proċess ta' bidla ta' unita' ta' munita għall-ewro li tesprimi n-numru maqlub bħala numru sa l-eqreb ċifra sħiħa, eż. €11.357 li meta jitnaqqas għal 2 ċifri deċimali jsir €11.36.

**Regoli ta' *'rounding'*** – regoli legali preċiżi li jrieġu l-bidla ta' unitajiet ta' munita għall-ewro biex ikunu garantiti l-kjarezza u l-ekwità. Kull rata ta' qlib f'ewro wieħed hija espressa bħala sitt ċifri sinifikanti u dawn is-sitt ċifri għandhom jintużaw dejjem meta jsir t-tibdil. Dawn ma jistgħux jinġiebu għal ċifra li tkun l-eqreb numru sħiħ u lanqas jistgħu jitqassru. Jekk, wara l-bidla għall-ewro, in-numru fit-tielet post deċimali hu iċken minn 5, allura ċ-ċifra ewro trid titnaqqas, eż. €34.874 isiru €34.87. Jekk it-tielet numru deċimali hu ħamsa jew aktar, allura jista' jittella', eż. €34.875 jsiru €34.88.

***'Smoothing'*** – il-proċess tal-bdil ta' numru inkonvenjenti wara l-bidla għall-ewro għal wieħed aktar aċċettabbli jew li tista' tiftakru, eż. €10 flok €10.02.